**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Edward Fenech**

**Każ Numru: 3799/24**

**Ref: 5/POL/5186/2023**

**Illum l-20 ta' Jannar, 2025**

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' **Edward Fenech**, iben Andrew Fenech u Cynthia nee' Dalli li jirrisjedi fil-fond 15 Gum Tree, Triq Beneditt Farrugia, Kirkop u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 448870M talli b'diversi atti magħmulin minnek, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmulha b'riżoluzzjoni waħda għax-xhur ta' **Lulju 2023 sa' Settembru 2023** meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt inqast li tagħti lil **Michelle Fenech** u / jew lil uliedek is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u / jew għall-ulied fi żmien 15-il jum min dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni senjatament:

1. Affidavit ta' **PC 220 S. Spiteri**[1] li permezz tiegħu jiddikjara li nhar il-5 t'Ottubru 2023 Michelle Fenech irraportat fl-Għassa ta' Birżebbuġia li Edward Fenech mhux qed iħallas il-manteniment kollu u fil-ħin kif stipulat fid-Digriet viġenti bejniethom maħruġ mill-Onor. Imħallef Dr. A. Lofaro datat is-16 ta' Ġunju 2016 liema Digriet jispeċifika li l-ammont dovut għall-minuri binthom Chloe Fenech jammonta għal erba' mitt Euro (€400) filwaqt li l-ammont dovut għall-istess Michelle Fenech jammonta għal erba' mitt Euro (€400) wkoll u għalhekk Edward Fenech għandu jħallas is-somma kumplessiva ta' tmien mitt Euro (€800). Spjegat li għax-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru 2023 ħallas is-somma ta' (€600) minflok is-somma ta' tmien mitt Euro (€800) kull xahar u għalhekk mitejn Euro (€200) anqas f'kull xahar. Michelle Fenech kompliet tgħid ukoll li l-manteniment hu dovut fit-tieni ġurnata ta' kull xahar iżda Edward Fenech qed iħallashom fl-aħħar ġimgħa minflok. Tikkonferma li f'Settembru 2023 ħallas sitt mitt Euro (€600) fit-23 ta' Settembru 2023, sitt mitt Euro (€600) fit-22 t'Awwissu 2023 u sitt mitt Euro (€600) f'Lulju fil-21 t'Awwissu 2023. Edward Fenech ġie mgħajjat sabiex jagħti l-verżjoni tiegħu, ingħata d-drittijiet legali tiegħu inkluż dak li jiitkellem m'Avukat, għażel li jkellem Avukat tal-fiduċja tiegħu u għażel id-dritt tas-silenzju;

2. Okkorrenza bir-referenza 5/POL/5186/2023[2];

3. Vera Kopja ta' Kuntratt Pubbliku datat it-22 ta' Ġunju 2016 fl-Atti tan-Nutar Dr. Tonio Cauchi[3];

4. *Bank Statement* tal-Bank of Valletta relattiv għall-perjodu bejn l-1 ta' Janar 2023 u t-30 ta' Settembru 2023[4].

---

[1] Ara a fol 2 *et seq* tal-proċess
[2] Ara a fol 6 *et seq* tal-proċess
[3] Ara Dok. MF1 mill-*parte civile* Michelle Fenech waqt is-seduta tat-3 ta' Ġunju 2024 a fol 18 *et seq* tal-proċess
[4] Ara Dok. MF2 esebit mill-*parte civile* Michelle Fenech waqt is-seduta tat-3 ta' Ġunju 2024 a fol 28 tal-proċess

Semgħet lill-*parte civile* Michelle Fenech[5] tixhed waqt is-seduta ta' nhar it-3 ta' Ġunju 2024 tiddikjara li għandha titħallas is-somma ta' erba' mitt Euro (€400) bħala manteniment għat-tifla Chloe u erba' mitt Euro (€400) bħala manteniment għaliha personalment, liema manteniment jitħallas mingħand missier il-minuri Chloe u ċioe' Edward Fenech li tagħraf bħala l-imputat preżenti fl-awla. Tippreżenta Vera Kopja tal-kuntratt viġenti bejniethom[6] u tikkonferma li kwantu għax-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru 2023 l-manteniment ma tħallasx kollu għaliex minflok ħallas is-somma ta' erba' mitt Euro (€400) għaliha u erba' mitt Euro (€400) għat-tifla li jiġu tmien mitt Euro (€800) fix-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru 2023 irċeviet biss is-somma ta' sitt mitt Euro (€600) f'kull xahar u għalhekk mitejn Euro (€200) nieqsin kull xahar u tippreżenta *bank statement* tal-kont bankarju tagħha bħala prova ta' dan[7]. In kontro-eżami x-xhud tiddikjara li l-wild Chloe għandha għoxrin (20) sena u tistudja l-MCAST *full-time* b'dan li fix-xhur tas-Sajf waqfet għax *between scholastic years*.

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment il-provi u d-dokumenti kollha esebiti.

**<u>Kunsiderazzjonijiet Legali</u>**

L-akkuża li biha hu mixli l-imputat fil-kawża ojderna u ċioe' li naqas milli jħallas manteniment lil Michelle Fenech relattiv għal binthom kif ukoll għal Michelle Fenech stess għax-xhur minn Lulju 2023 sa' Settembru 2023 jinkwadraw ruħhom taħt l-Artikolu 338(z) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

"***Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min.... meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbut b'kuntratt jonqos li jagħti lil xi persuna, is-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal dik il-persuna fi żmien ħmistax -il jum minn dak il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma***".

---

[5] Ara x-xhieda tagħha a fol 11 *et seq* tal-proċess

[6] Ara Dok. MF1 esebit mill-*parte civile* Michelle Fenech waqt is-seduta tat-3 ta' Ġunju 2024 a fol 18 *et seq* tal-proċess

[7] Ara Dok. MF2 esebit mill-*parte civile* Michelle Fenech waqt is-seduta tat-3 ta' Ġunju 2024 a fol 28 tal-proċess

Skond l-istess akkuża, tali reat jinkwadra ruħu wkoll taħt l-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

"***Meta d-diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, ujkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat, iżda l-piena tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi***".

Mix-xhieda tal-parti civile u d-dikjarazzjoni tagħha stess waqt is-seduta tat-3 ta' Ġunju 2024 jirriżulta li kwantu għall-perjodu relattiv fl-akkuża, l-imputat għamel pagament parzjali ta' sitt mitt Euro (€600)[8] kull xahar minflok is-somma ta' tmien mitt Euro (€800) kull xahar u għalhekk kwantu għat-tliet (3) xhur mertu tal-kawża odjerna jirriżulta li hemm l-ammont kumplessiv ta' sitt mitt Euro (€600) li għadu pendenti.

Min-naħa tiegħu l-imputat ma ressaq ebda prova b'dan li waqt it-trattazzjoni, l-abbli difensur tiegħu ddikjara li ġialadarba l-Affidavit ta' PC220 S. Spiteri jsemmi Digriet tal-Qorti u mhux Kuntratt li fuqu Michelle Fenech tibbaża l-pretensjoni tagħha, allura din il-Qorti għandha tasal għal-liberatorja tal-imputat. Din il-Qorti tibda biex tgħid li ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni legali da parti tad-difiża u dan *stante* li l-akkuża innifisha hi marbuta ma' nuqqas ta' ħlas ta' '***somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt***' u għalhekk l-akkuża nnifisha hi marbuta **jew** ma' Digriet jew Sentenza mogħtija mill-Qorti **jew** ma' Kuntratt li naturalment kollha joħolqu obbligu legali ta' ħlas. Konsegwentement minkejja li fl-Affidavit ta' PC 220 S. Spiteri hemm indikat li l-pretensjoni ta' Michelle Fenech hi bbażata fuq Digriet meta fil-verita' kellu jkun Kuntratt, dan ma jwaqqax l-akkuża u naturalment bl-ebda mod ma jista' jwassal għal-liberatorja tal-istess imputat. L-imputat hu mixli b'nuqqas ta' ħlas ta' 'somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment' u konsegwentement fil-mori tal-kawża jkun l-obbligu tal-Prosekuzzjoni sabiex tagħti prova sal-grad rikjest mil-liġi abbażi ta' xhiex tkun qed tibbaża l-pretensjoni tagħha għall-ħlas. Dan ċertament m'huwiex

[8] Korraborat ukoll permezz ta' kont bankarju u ċioe' Dok. MF2 esebit mill-*parte civile* Michelle Fenech waqt is-seduta tat-3 ta' Ġunju 2024 a fol 28 tal-proċess

abbażi tal-Affidavit li fl-aħjar ipoteżi tiegħu hu biss xhieda ta' dak li setgħet qalet il-*parte civile* meta rraportat il-mertu tal-proċeduri odjerni biex sussegwentement inħarġu l-akkużi fil-konfront tal-imputat. Hu l-Kuntratt (li fil-verita' ġie esebit) li hu l-prova reġina f'kawżi ta' din ix-xorta u għalhekk din il-Qorti ma tarax raġuni għala għandha tilqa' l-argument tad-difiża.

Dan kollu qiegħed jingħad għal finijiet ta' kompletezza *stante* li din il-Qorti qiegħda *ex officio* tissolleva l-inammissibilita' tal-istess imsemmi Affidavit u dan *stante* li ma jissodisfax id-dettami tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta. Minn eżami ta' dak provdut fl-Artikolu 7 tal-Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta, li jirregola dak li jirrelata ma' partikularitajiet li għandu jkun fih il-*jurat* u l-attestat, u ċioe' s-segwenti:

*7.* ***Kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament jew magħmul affidavit bis-saħħa ta' din l-Ordinanza għandu jiddikjara sewwa fil-*****jurat** ***jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom il-ġurament ikun ġie meħud jew l-affidavit ikun sar:***

***Iżda kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament skont is-subartikolu (3) tal-artikolu 5 għandu jiddikjara sewwa fil-*****jurat** ***jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom il-ġurament ikun ġie meħud u li l-ġurament ġie meħud bil-mezzi elettroniċi***.

Tenut kont id-dettami ta' dan l-Artikolu, il-Qorti tosserva illi kwantu għall-affidavit imsemmi hemm timbru b'data tal-11 t'Ottubru 2023 b'dan li bħala post hemm indikat 'Birżebbuga'.

F'dan l-istadju, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Elliot Magro) v. Toussaint Azzopardi**[9] deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-28 ta' Ġunju 2024, fejn sostniet illi:

[9] Deċiża mill-Maġistrat Dr. Anne Marie Thake, paġna 2

*"Id-difiża tikkontendi li l-affidavits ta' PS130 u PC544 m'għandhomx valur probatorju għaliex il-ġurament huwa nieqes minn element essenzjali għall-validita tiegħu, u ċioe il-lok. L-artikolu 7 tal-Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi hekk:*

*"Kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament jew magħmul affidavit bis-saħħa ta' din l-Ordinanza għandu jiddikjara sewwa fil-jurat jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom il-ġurament ikun ġie meħud jew l-affidavit ikun sar."*

*Il-Qorti rat illi l-Kummissjunarju li quddiemu ttieħed il-ġurament mill-uffiċjali imsemmija indika illi d-data ta' meta t-tieħed il-ġurament kienet il-11 ta' Marzu 2024, u iddikjara wkoll hekk: "Lok: E.P.U." Jirriżulta għalhekk li l-Kummissjunarju indika li l-ġurament kien qiegħed jittieħed fl-Environmental Protection Unit. Dak li trid tiddeċiedi l-Qorti għalhekk huwa jekk din id-dikjarazzjoni tissodisfax il-vot tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta, jew jekk il-fatt li ma ġew iddikjarati l-ebda partikolaritajiet oħra dwar il-lok, bħal l-isem tat-triq u l-belt fejn jinstab l-Environmental Protection Unit ifisser li hemm nieqes element essenzjali għall-validita tal-ġurament. Il-Qorti tosserva li l-artikolu 7 tal-Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħtix definizzjoni tat-terminu 'lok', fis-sens illi ma jindikax bi preċiżjoni eżattament xi jrid jiġi indikat mill-Kummisjunarju sabiex jiġi sodisfat dan ir-rekwiżit. Għalhekk trid issir interpretazzjoni mill-Qorti, abbażi tal-buon sens u l-loġika, u peress li dawn huwa proċeduri penali, il-Qorti għandha tagħti interpretazzjoni restrittiva u ssolvi kwalunke dubbju favur l-imputat. M'hemmx dubbju li dak li ried il-leġislatur huwa li meta jittieħed ġurament fuq affidavit il-Qorti u l-partijiet għandhom jitpoġġew f'posizzjoni li jkunu jafu fejn u meta ittieħed il-ġurament, dettalji dawn li jkunu jafu awtomatikament meta xhud jixhed viva voce quddiem il-Qorti. F'dan il-każ jirriżulta li l-ġurament fuq l-affidavit ittieħed ġewwa l-Environmental Protection Unit, li bħala dipartiment tal-Pulizija ta' Malta, huwa uffiċju statali u pubbliku. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti l-indikazzjoni mogħtija hija suffiċjenti biex il-Qorti u l-partijiet jifhmu u ma jkollhomx dubbju raġonevoli dwar fejn ittieħed il-ġurament, bl-istess mod li kieku l-ġurament ittieħed fil-binja tal-Qorti ma kienx ikun hemm bżonn li titniżżel isem it-triq u l-lokalita biex wieħed jifhem fejn ittieħed il-ġurament.*

***Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan l-argument m'għandux mis-sewwa u qiegħed jiġu miċħuda***".

Rigward dan, jekk kellu jittieħed ir-raġunar tas-sentenza sopraċitata, u ċioe' li peress li l-kunċett ta' lok ma ingħatax definizzjoni fl-Artikolu 7 tal-Kapitolu 79, il-Qorti għandha tapplika l-buon sens u l-loġika, u li peress li dawn huma proċeduri penali, l-interpretazzjoni ta' dan il-kunċett b'mod restrittiv, fejn fis-sentenza sopraċitata hemm imniżżel post (u ċioe' l-Environmental Protection Unit) fejn ittieħed il-ġurament li rrenda l-affidavits esebiti f'dawk il-proċeduri bħala ammissibbli, f'dawn il-proċeduri jidher biċ-ċar li d-data hija ndikata bit-timbru filwaqt li l-lok fl-affidavit huwa biss indikat bil-lokalita' u ċioe' 'Birżebbuga' – li naturalment ma jindika ebda lok jew post preċiż għaliex 'Birżebbuga' tindika biss il-lokalita' sħiħa li bħala 'lok' hija wisq wiesgħa biex din il-Qorti tasal verament għall-post u lok ta' fejn ittieħed tali ġurament. Huwa proprju għalhekk li din il-Qorti ma titħallilhiex triq oħra għajr li tiskarta dan l-affidavit bħala inammissibbli fis-sens li ma jistax jingħata piż probatorju.

Fid-dawl ta' dak ċitat u kwantu għall-mertu tal-kawża odjerna l-Qorti tara li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-każ tagħha b'suċċess għaliex in atti hemm esebit Vera Kopja tal-Kuntratt viġenti bejniethom li permezz tiegħu l-imputat obbliga ruħu li jħallas il-manteniment relattiv (ara klawsola numru tnax (12) u sitta u għoxrin (26) ta' Dok. MF1 esebit minn Michelle Fenech waqt ix-xhieda tagħha) kif ukoll għaliex m'hemm ebda dubju li l-manteniment imsemmi għall-istess imsemmi perjodu ma tħallasx *fl-intier* tiegħu għaliex in atti m'hemm xejn li jista' jindika li sar il-pagament rimanenti. Anzi in atti, apparti x-xhieda tal-*parte civile* li kompliet tikkonferma li sar pagament parzjali f'kull xahar ta' sitt mitt Euro (€600) hemm dokument li jikkorrabora l-verżjoni ġuramentata ta' Michelle Fenech li l-imputat ħallas *in parte* iżda għad hemm bilanċ ta' mitejn Euro (€200) fuq kull xahar u għalhekk l-ammont kumplessiv ta' sitt mitt Euro (€600) fuq il-perjodu in kwistjoni u mertu tal-kawża. Dan ifisser li ż-żewġ elementi neċessarji sabiex l-imputat jinstab ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu ġew sodisfaċentement pruvati.

Għal dak li jirrigwarda l-piena l-Qorti, ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li bih qed jiġi mixli l-imputat u li sar pagament parzjali ta' sitt mitt Euro (€600) għal kull xahar in

kwistjoni mertu tal-kawża odjerna. B'hekk tenut kont tal-fatt li l-Qorti diġa' ddikjarat li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-każ tagħha għall-perjodu mertu tal-kawża (għalkemm l-ammont dovut hu wieħed parzjali) u tenut kont ukoll li jirriżulta li l-manteniment fl-*intier* tiegħu għal kull xahar in kwistjoni jammonta għal tmien mitt Euro (€800) u li minn dan l-ammont irid jitnaqqas l-ammont ta' sitt mitt Euro (€600) li l-imputat ħallas għal kull xahar kif spjegat f'dan il-paragrafu u li allura l-bilanċ dovut mill-imputat b'mod kumplessiv hu dak ta' sitt mitt Euro (€600). Il-fatt li l-imputat għamel pagament parzjali jagħti lok lil din il-Qorti sabiex tikkunsidra piena li ma tkunx waħda ta' detenzjoni jew priġunerija.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 18 u l-Artikolu 338(z) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta **li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni hekk kif dedotta fil-konfront tiegħu iżda** wara li fil-qies taċ-ċirkostanzi tal-każ huwa ideoneju li jsir dan, il-Qorti qiegħda tagħmel ordni li permezz tiegħu tillibera lill-ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum b'dan li għandu jħallas l-ammont bilanċjali dovut minnu u ċioe' s-somma sitt mitt Euro (€600) fi żmien sitt xhur mil-lum u dan, *inter alia ai termini* tal-Artikolu 22 u l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta *nonche* l-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti spjegat ukoll bi kliem ċar lill-ħati li jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**